**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**

**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Rita Grech** K.I. 665562(M) f'isimha proprju u għan-nom ta' oħtha **Ludgarda sive Luckie Johnson** K.I. 351850(M)

**Maria Ludgarda Borg** K.I. 744047(M)

**Francis Grech** K.I. 554142(M)

**Carmel Grech** K.I. 700245(M)

**Theresa Grech** K.I. 181754(M)

**Giuseppa Grech** K.I. 183452(M)

**vs**

**Joseph Scicluna** K.I. 28764(M)

**Josephine sive Joyce Scicluna** K.I. 177858(M)

**L-Awtorita' tad-Djar** bħala intervenuta fil-kawża

**Rikors Numru: 882/2022JM**

Illum 5 ta' Ottubru 2023

Il-Bord,

Ra r-Rikors[1] ta' Rita Grech pro et noe et, ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma flimkien il-kosidien tal-fond bl-indirizz 117, Sisters Street, Tarxien.
2. Illi originarjament missier ir-rikorrenti Victor Grech fiz-zwieg tieghu ma' Victoria Grech kien akkwista l-utile dominju perpetwu tal-fond surreferit bis-subbasta fis-7 ta' Frar 1951 liema akkwist gie insinwat fir-Registru Pubbliku (nota ta' insinwa numru I/493/1951, kopja annessa **Dok. R1**).

3. Illi l-imsemmi Victor Grech miet fil-5 ta' Dicembru 1995 filwaqt li Victoria Grech mietet fil-25 ta' Awwissu 2004 u dan skont kif jirrizulta mic-certifikati tal-mewt taghhom annessi bhala **Dok. R2A** u **Dok. R2B** rispettivament.

4. Illi skont ir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti taghhom (kopja annessa **Dok. R3** sa **Dok. R6** inkluzi) id-defunti Victor u Victoria konjugi Grech irregolaw il-wirt taghhom permezz ta' testment unica charta datat 7 ta' Mejju 1986 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza (kopja annessa **Dok. R7**).

5. Illi ai termini tat-testment Dok. R7, l-imsemmija Victor u Victoria Grech innominaw lil uliedhom u cioe' lir-rikorrenti bhala eredi

[1] Fol. 1 sa 5

universali ta' gidhom kollu u ghalhekk dan il-fond iddevolva fuq ir-rikorrenti f'ishma indaqs bejniethom.

6. Illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 28 ta' Novembru 2008 (kopja annessa **Dok. R8**) ir-rikorrenti qasmu l-wirt bejniethom, izda zammew il-fond mertu ta' din il-kawza in komun.

7. Illi permezz ta' cedola fl-ismijiet "Maria Ludgarda Borg et vs Josephine Gauci et" (cedola numru 1969/17, kopja annessa **Dok. R9**), ir-rikorrenti fdew ic-cens annwu u perpetwu impost fuq il-fond de quo u ghalhekk huma s-sidien assoluti tal-fond mertu ta' dawn il-proceduri.

8. Illi dan il-fond kien originarjament mikri a favur Joseph Flores u sussegwentement din il-kirja intirtet mit-tifla tieghu u cioe' l-intimata Josephine sive Joyce Scicluna li prezentement thallas kera ta' EUR 209.64 u/jew somma verjuri fis-sena u dan kif anke jirrizulta mic-cedola ta' depozitu fl-ismijiet "Joseph Scicluna et vs Rita Grech et" (cedola numru 156/2021, kopja annessa **Dok. R10**).

9. Illi r-ragel tal-intimata, Joseph Scicluna huwa intimat f'dawn il-proceduri ghal kull interess li jista' jkollu stante l-komunjoni tal-akkwisti.

10. Illi r-rikorrenti qeghdin jipprezentaw estratt mil-ledger taghhom tal-kirja mmarkat bhala **Dok. R11,** fejn jidher bic-car li din hija kirja

li giet fis-sehh qabel l-1 ta' Gunju 1995 u li ghalhekk taqa' taht il-provvedimenti tal-Kap. 69. Dan jirrizulta wkoll carament mis-sentenza deciza fid-29 ta' Settembru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Rita Grech pro et noe et vs Joseph Scicluna et" (rikors numru 211/2020RGM, kopja annessa **Dok. R12**).

11. Illi permezz tal-Att XXIV tas-sena 2021, il-legislatur introduca inter alia r-rimedji permezz ta' emendi fl-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' dawk il-kirjiet protetti li bdew qabel l-1 ta' Gunju 1995 bhalma hu l-kaz de quo.

12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qeghdin jintavolaw dawn il-proceduri sabiex jezercitaw id-drittijiet taghhom derivanti minn l-Artikolu 4A u cioe' sabiex isir it-test tal-mezzi tal-inkwilini u konsegwentement ikun hemm revizjoni tal-kera u/jew dikjarazzjoni li l-intimati ghandhom jivvakaw mill-fond entro sentejn.

13. Illi l-Awtorita' tad-Djar qieghda wkoll tigi notifikata b'dan ir-rikors sabiex ikollha d-dritt tippartecipa bis-shih bhala intervenut fil-kawza fil-procedimenti skont il-provvedimenti tal-ligi.

14. Illi r-rikorrenti Rita Grech giet awtorizzata tipprezenta lil ohtha Ludgarda sive Luckie Johnson f'dawn il-proceduri permezz ta' prokura hawn annessa **Dok. R13**.

15. Illi ghal finijiet ta' valutazzjoni tal-fond, ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghar-rapport redatt mill-Perit Tekniku Michael Lanfranco

fil-kawza kostituzzjonali 211/2020RGM surreferita fejn gie stabbilit li l-valur tal-proprjeta' fis-suq liberu huwa ta' EUR 330,000 (kopja annessa **Dok. R14**).

16. Illi in vista tas-suespost, qieghda ssir il-kawza odjerna.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jordna l-hlas ta' zieda fl-ammont ta' kera pagabbli mill-intimati ghal fond 117, Sisters Street, Tarxien waqt il-pendenza tas-smigh ta' dan ir-rikors, u dan ai termini tal-Artikolu 4A(6) tal-Kap. 69.

2. Jordna li jsir it-test tal-mezzi tad-dhul u tal-kapital tal-intimati u dan ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69.

3. F'kaz li l-intimati ma jissoddisfawx it-test tal-mezzi, jordna lill-intimati jivvakaw mill-fond 117, Sisters Street, Tarxien entro sentejn mid-data ta' dan ir-rikors jew data verjuri, u jiffissa revizjoni tal-kera pagabbli mill-intimati u dan skont l-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69.

4. F'kaz li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi, jordna revizjoni tal-kera liema kera kif awmentata ghandha tizdied skont il-provvedimenti tal-Artikolu 4A(7) u jiddetermina dawk il-kondizzjonijiet godda skont l-Artikolu 4A(2), liema kera ghandha tigi riveduta abbazi tal-valur indikat f'Dok. R14 ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 69 u/jew il-valur li jistabilixxi l-Bord skont il-ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali. B'rizerva u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti bhala sidien tal-fond 117, Sisters Street, Tarxien inkluz ghal kwalunkwe ksur tal-kondizzjonijiet tal-kera.

Ra li l-intimati Joseph Scicluna u Josephine sive Joyce Scicluna debitament notifikati baqghu ma pprezentawx risposta. Gie pprezentat test tal-mezzi.

Ra r-risposta tal-**Awtorita' tad-Djar**[2] (bħala intervenuta fil-kawża) li permezz tagħha wieġbet:

Illi l-atturi jridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-fond. L-atturi wkoll ghandhom jipproducu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi taghhom jekk dan il-fond gie ghand l-atturi b'wirt, jew kopja tal-kuntratt jekk gie akkwistat inter vivos.

Illi qabel xejn dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ.

Illi l-Awtorita' tad-Djar ġiet notifikata f'din il-kawża bħala intervenuta fil-kawża a bażi tal-Att XXIV tal-2021; allura wkoll l-Awtorita' tad-Djar għandha d-dritt li tipparteċipa fil-kawża u jekk tagħmel dan, tagħmel hekk biss bħala intervenuta fil-kawża. U ghalhekk l-Awtorita` tad-Djar

[2] Fol. 85

anke f'dan il-kaz ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirriżulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli għal każ in kwistjoni.

Illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela l-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jiġi mikri u mhux kif jista' jiġi żviluppat. Kieku ried hekk il-leġislatur kien jgħid hekk.

Illi jiġi rilevat li f'każ li l-inkwilin tissoddisfa t-test tal-mezzi impost bil-liġi allura l-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-proprjeta' u dan skont l-Art. 4A tal-Kap. 69, jew Art. 12B tal-Kap. 158.

Intant qed jiġi anness Dok. HA1 li jindika l-mod kif l-Awtorita' tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil min ikun jikkwalifika.

Illi jiġi rilevat li l-inkwilin tkun tista' tibbenefika minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilin trid tkun qed tabita fil-fond bħala residenza ordinarja tagħha.

Tant għall-egħref ġudizzju ta' dana l-Bord.

Ra d-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti.

Ra li r-rikors tħalla għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fond inkwistjoni 117, Sisters Street, Tarxien. huwa proprjeta' tar-rikorrenti. Jirriżulta wkoll li l-intimati huma l-inkwilina tal-fond inkwistjoni..

Bħalissa l-kera li qiegħda titħallas hija fl-ammont €209.64 fis-sena.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-intimati għandhom 59 sena w 65 sena rispettivament.

Il-Bord wara li ra d-dokumentazzjoni eżebita mill-intimati josserva li d-dħul tagħhhom fil-perjodu rilevanti ma jeċċedix is-somma ta' €50,000 ai termini tar-Reg. 5(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.

Il-kapital huwa anqas mill-kapital indikat fir-Reg. 6(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11.

Il-Bord, wara li qies il-provi kollha, u li baqgħu mhux kontradetti, huwa tal-fehma li l-intimati Joseph u Josephine sive Joyce Scicluna għandhom mezzi limitati u jissodisfaw l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi).

Il-Bord ra wkoll ir-Relazzjoni Perit Tekniku Michael Lanfranco fil-kawza kostituzzjonali 211/2020RGM surreferita fejn gie stabbilit li l-valur tal-proprjeta' fis-suq liberu huwa ta' EUR 330,000 u dan wara qbil bejn il-partijiet. Il-Bord jirrimarka li anke l-Periti Teknici tieghu l-Perit Mario Cassar u Roderick Spiteri fil-valutazzjoni taghhom stabbilew li l-valur tal-proprjeta' fis-suq liberu huwa ta' EUR 320,000. Għalhekk, il-kera bir-rata massima ta' 2% ta' EUR330,000 tigi tammonta ghal €6600 fis-sena.

Kemm qabel u anke wara l-introduzzjoni tal-Att l-aktar riċenti XXIV tal-2021, il-liġi tagħti lil dan il-Bord id-diskrezzjoni li jiddeċiedi fuq ir-rata, sa mhux aktar mill-massimu ta' 2%, li bih togħla l-kera kontrollata. Sfortunatament, issa aktar minn qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att l-aktar riċenti, il-liġi ma tistabilixxix ċar il-kriterji li l-Bord irid japplika fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni mogħtija lilu.

Il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Generali et**[3] fejn il-Qorti Kostituzzjonali iggwidat lil dan il-Bord, inkwantu għall-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158 kif ġej :

*23. Il-fatt illi jista' jkun illi fis-suq ħieles tista' ssib lil min jista' u huwa lest li jħallas b'kera daqs erbgħa fil-mija (4%) fis-sena ta' kemm jiswa l-fond mikri, ma jfissirx illi ma hemmx sezzjoni mdaqqsa tal-popolazzjoni li ma tiflaħx tħallas daqshekk, u għalhekk, meta tqis ukoll il-valur soċjali tal-akkommodazzjoni, jibqa' meħtieġ li jkun*

[3] Qorti Kostituzzjonali deciza fis-6 ta' Ottubru 2020

*hemm forma ta' kontroll fuq iż-żjidiet fil-kera. F'suq tassew ħieles il-prezz li jitħallas għal oġġett jew servizz – fil-każ tallum il-kera – ma huwiex wieħed aritmetikament fiss, fis-sens li dejjem sejjer ikun bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija (3.5-4%) iżda jiddependi mid-domanda u ddisponibilità, u għalhekk ma hemm xejn minqux fil-ġebel illi sid il-fond sejjer isib dejjem li jikrih b'kera ta' bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija tal-valur kapitali.*

*---Omissis----*
*26. Dan qieħed jingħad bla ħsara għall-konsiderazzjoni – illi hija x'aktarx ta' natura ġenerali milli applikabbli speċifikament għal dan il-każ – illi, jekk huwa tassew minnu illi l-kera fis-suq fiż-żmien relevanti jkun bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija (3.5-4%), ikun għaqli l-Bord li jiregola l-Kera illi, f'każijiet taħt l-art. 12B tal-Kap. 158, jiffissa kera li jkun eqreb lejn il-massimu milli lejn il-minimu li tagħti l-liġi biex tinżamm proporzjonalità raġonevoli bejn il-kera fis-suq u dak li tagħti l-liġi.*

Il-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-ġudikat ikkunsidrat li jkun għaqli li l-kera kontrollat tkun eqreb lejn il-massimu ta' 2% tal-valur tal-fond liberu u frank, milli lejn il-minimu, pero' tat din il-gwida li kuntest *'jekk huwa tassew minnu illi l-kera fis-suq fiż-żmien relevanti jkun bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija (3.5-4%)'*.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et**[4], il-Qorti kienet qiegħda

[4] 26 ta' Mejju 2021

wkoll tikkunsidra l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta qabel l-introduzzjoni tal-Att XXIV tas-sena 2021. Il-bran li se jiċċita issa dan il-Bord huwa relevanti billi jikkonferma li l-Bord li Jirregola l-Kera għandu jikkunsidra jersaq lejn il-massimu. Il-Qorti qalet :

*24. Li hu relevanti għall-għanijiet tal-kwistjoni preżenti hu illi l-kera kif miżjud mill-Bord li Jirregola l-Kera huwa anqas min-nofs tal-kera fis-suq, u għalhekk huwa anqas minn kemm kellu jkun meta meqjusa l-kriterji ta' Cauchi. Fil-fatt għall-ewwel sentejn il-kera huwa ta' tlett elef u seba' mitt euro (€3,700) fis-sena. Il-bord qal li dan huwa wieħed fil-mija (1%) tal-valur kapitali tal-proprjetà. Fil-fatt huwa anqas; jekk il-proprjetà stmata li tiswa erba' mitt elf euro (€400,000) wieħed fil-mija jiġi erbat elef euro (€4,000) mhux tlitt elef u seba' mija (€3,700). L-istess għat-tieni sentejn. Il-bord għolla l-kera għal erbat elef, sitt mija u ħamsa u għoxrin euro (€4,625) fis-sena, li qal li huwa wieħed u kwart fil-mija (1.25%) tal-valur kapitali meta 1.25% jiġi ħamest elef euro (€5,000). L-istess ukoll għat-tielet sentejn. Il-bord għolla l-kera għal ħamest elef ħames mija u ħamsin euro (€5,500) fis-sena, li qal li huwa wieħed u nofs fil-mija (1.5%) tal-valur kapitali meta 1.5% jiġi sitt elef euro (€6,000).*

*25. Tassew illi l-liġi trid illi l-bord "iqis il-mezzi u l-età tal-kerrej u kwalunkwe piż sproporzjonat li huwa partikolari għal sid il-kera u jista' jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun gradwali". Tassew ukoll illi jagħmel sens illi ż-żieda fil-kera tkun gradwali, sabiex il-bidla li l-kerrej ikollu jagħmel fit-tenur tal-ħajja tiegħu ma tkunx goffa f'salt u jkollu żmien jadatta ruħu, għax wara kollox dawn ma humiex biss deċiżjonijiet dwar ċifri iżda jolqtu wkoll lill-bnedmin. Jibqa' l-fatt iżda illi, meta kellu s-setgħa li jgħolli l-kera sa tnejn fil-mija (2%) ta' kemm tiswa l-proprjetà, li*

*jiġi tmint elef euro (€8,000) fis-sena, u għalhekk seta' għolla l-kera sa sitt elef euro (€6,000) fis-sena biex jissodisfa l-kriterju ta' Cauchi, il-bord kien x'aktarx "xħiħ" mas-sid bla ma fisser jekk kienx hemm raġunijiet partikolari fiċċirkostanzi tal-każ li jiġġustifikaw dan, u, anzi, osserva illi "hemm il-possibilità li jingħata sussidju mill-Awtorità tad-Djar", li jkun ifisser li l-kerrej jiflaħ iħallas kera ogħla.*

Imbagħad fil-kawza fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**, il-Qorti Kostituzzjonali[5] li trattat ukoll l-art 12B tal-Kapitolu 158 dik l-Onorabbli Qorti tenniet:

*22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza Rik. Kost. 137/20/1 13 ta' din il-Qorti, Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)*[6]

Il-Bord iqis li fil-każ odjern il-kera għandha tiżdied. Ladarba l-inkwilini ssodisfaw it-test tal-mezzi, huma m'għandhomx jitkeċċa mill-fond.

Applikati dawn il-principji ġurisprudenzjali għall-fatti kif jirriżultaw f'dan il-każ, il-Bord iqis li tenut kont (i) l-eta' tal-imputati; (ii) id-dħul u l-kapital

---

[5] Deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021

[6] Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u lkera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.

tagħha li huma limitati, (iii) l-ammont tal-kera li ilha titħallas lir-rikorrenti li hija waħda rriżorja (iii) il-valur tal-fond liberu u frank; (iii) is-sottomissjonijiet tal-Awtorita' tad-Djar dwar il-proċedura ta' għoti ta' benefiċċju fuq il-kera mħallsa minn inkwilini li se tibda titħaddem mill-istess Awtorita[7] ; (iv) il-ġurisprudenza surriferita; (v) il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ proporzjonali bejn id-dritt tas-sid li jirċievi kera xierqa għall-fond li jappartjeni lilu u li jkun soġġett għal restrizzjonijiet għal finijiet soċjali, il-kera tal-fond mertu tal-kawża f'dan il-każ għandu jogħla u jiżdied għal 2% tal-valur fis-suq miftuħ, u għalhekk il-kera għandha tiżdied għal sitt elef u erba' mitt Euro (€6400) fis-sena, pagabbli nkwantu għal elf u sitt mitt Euro (€1600) kull tlett xhur bil-quddiem.

Il-Bord qiegħed jordna li ż-żieda fil-kera għandha tkun b'effett mid-data tas-sentenza u dan in linea wkoll ma' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Alessandra Radmilli vs Marion Pace Bonello et[8],** fis-sens li l-Bord għandu d-diskrezzjoni minn meta jordna l-awment.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha fuq mogħtija, dan il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati billi :

[7] Gie spjegat lill-Bord kif l-Awtorita tad-Djar bi hsiebha timxi fl-għoti tal-benefiċċju permezz ta' Dok HA1 a fol x u x tal-proċess
[8] App Nru: 242/2018 deciza fis-17 ta' Frar 2021

1. Jilqa' l-ewwel, tieni u r-raba talba billi qiegħed jiġi deċiż li l-intimati Joseph u Josephine sive Joyce Scicluna jissodisfaw l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi u jiddikjara u jiddeċiedi li l-kera tal-fond 117, Sisters Street, Tarxien. għandha tiżdied u għalhekk tiġi riveduta u għandha tkun fl-ammont ta' sitt elef u erba' mitt Euro (€6400) fis-sena, pagabbli nkwantu għal elf u sitt mitt Euro (€1600) kull tlett xhur bil-quddiem u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u għalhekk jordna lill-intimati jħallsu l-ammont ta' kera hekk kif stabilit lill-istess rikorrenti;

2. Jiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti;

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża. L-ispejjeż tal-Awtorita' intervenuta bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

**Ylenia Spiteri**
**Deputat Reġistratur**